MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Numru. 1154/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR CAROL FABRI**

**VS**

**MICHAEL FARRUGIA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Michael Farrugia, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 221952 (M).

**Akkuzat talli:**

Fl-14 ta` Awwissu, 2013, ghal habta tat-tmienja nieqsin kwart ta` filghaxija (19:45hrs) gewwa Triq il-Belt Valletta, kantuniera ma` Triq il-Konvoj ta` Santa Marija, Mqabba:

1. Ikkaguna feriti ta` natura hafifa fuq il-persuna tal-Gwardjan Lokali 677 Joseph Sghendo;

2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` Gwardjan Lokali 677 Joseph Sghendo, numru tal-karta tal-identita` 45713L filqat li kien qieghed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghtija skont il-ligi mill-Awtorita` Kompetenti;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq Gwardjan Lokali 677 Joseph Sghendo, persuna inkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dan is-servizz;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi m’obdiex l-ordnijiet legittimi, jew ma halliex jew fixkel waqt il-qadi ta` dmirijiet, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiet, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista` jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-Ligi;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor, u cioe lil Gwardjan Lokali 677 Joseph Sghendo biza` li ser tintuza vjolenza kontrih persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu, kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita` ghal dan ir-reat tapplika l-provediment tal-Artikolu 383 tal-Kopdici Kriminali ghas-sigurta` tal-Gwardjan Lokali 677 Joseph Sghendo.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 221 (1) (c), 96, 95, 338 (ee) u 251 B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa, u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Wara li rat l-ammissjoni volontarja u kkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu l-ebda alternattiva ohra lil dina l-Qort hlief illi ssib lill-istess imputat hati kif akkuzat.

Ghalaqstant, dina l-Qorti qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll qed timmultah mitejn ewro (€200) b'sena zmien ghal hlas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------